Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATURA
# Laqgħa Numru 75
# It-Tlieta 8 ta' Mejju 2018

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-5.30p.m.

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku

Charles Selvaġġi – Kunsillier

Matthew Agius – Kunsillier <Dahal 7:10>

Romina Galea – Kunsillier <Harget 8:30 pm>

Maurice Agius – Kunsillier

Lino Bartolo - Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku

Emanuel Brincat – Kunsillier

Alan Abela Wadge – Kunsillier

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

75.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

75.1.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta’ apoloġija tal-Kunsillier Alex Sciberras li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.

75.1.02 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta’ apoloġija tal-Kunsillier Emanuel Brincat li talab li jkun skużat minħabba inpenji ohra

75.1.03 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta’ apoloġija tal-Kunsillier Alan Abela Wadge li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.

75.1.04 Il-kunsilliera prezenti aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji

75.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

75.2.01 Il-minuti ta’ Seduta L7-72 sa L7_74 ttieħdu bħala moqrija u saret korrezzjoni fil-minuti 72.4.07
Il-minuti ġew approvati unanimament.

75.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

75.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda avviz 507 fil Gazzetta tal-Gvern 19984 tas-27 ta’ April dwar toroq F'Malta msemmija mill-gdid fejn indikat ghal dik it-Triq li tibda mir-roundabout li tinsab fi Triq Sir Anthony Mamo sad-dahla tal-isptar Mater Dei u r-ring road mad-dawra tal-isptar giet msemmija Triq id-Donaturi tad-Demm

75.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda risposta ghall-applikazzjoni ghall-isem tal-gnien go Triq Censu Farrugia li l-kumitat ghat-tismieh tat-Toroq accetta tali applikazjoni u gie ssuggerit li minflok il-proposta ta' Gnien il-Kunsill Lokali tissemma Wesghet il-Kunsill Lokali

Il-Kunsilliera prezenti approvaw

75.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Cirkulari SPI 3/2018-Dwar Skema ta' taghlim u Progetti Edukattivi fil-Kommunita’ li tikkonsisti f’applikazzjoni mill-Kunsilli Lokali biex jibbenefikaw minn fondi biex jofru taghlim prattiku kif elenkat fic-cirkulari u pproponiet biex il-Kunsill jiehu sehem.

Il-Kunsilliera prezenti approvaw

75.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Avviz 427 fil Gazzetta tal-Gvern 11975 tal-10 ta' April dwar il-popolazzjoni stmata ghal-Lokalita’ tal-Imsida hija ta’ 10889

75.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda cirkulari AKL 2018/14 - Sit Protezzjoni tad-Data.
Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-Kunsill ma jitlobx certu Data u certu dettalji jigu mnehhija wara certu zmien filwaqt li l-kontenut tal-ligi ga gie mghoddi lill-kunsilliera u l-amministrazzjoni biex ikunu familjari mar-regolamenti.

75.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda talba minn Trasport Malta dwar prottezjoni addizjonali fuq Bollards u Barriers.
Is-segretarju ezekuttiv spjega li hemm xi bollards li hemm bzonn ssiru u qed jara x'jista' ssir.

75.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda risposta mid-dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar l-iStaff Progression Marisa Xerri Demanuele

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella spjega li kiteb lir-rizorsi umani fid-dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn gharraf bid-decizjoni tal-Kunsill u giet risposta li dawn se jikkonsultaw qabel ma jibghatu risposta. Hawn kompla jispjega li talab lid-dipartiment jekk jistax isejhilha lura kemm-il darba il-post vakanti ma jimteliex minhabba li dan huwa back to back. Izda ghadu qed jistenna aktar dettalji.

75.3.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda sejha ghal-Clerk Skale 15 back to Back.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella spjega li saret sejha mal-kunsilli u regjuni izda hadd m'applika u ghalhekk se jmexxi s-sejha mal-Jobsplus

75.3.09 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda risposta mill-KAS dwar il-progett tal-parkegg fi Triq Balliju Guttenberg Is-Swatar, fejn gharrfet lill-kunsilliera prezenti li din giet mghodija biex il-Kumitat Amministrattiv Swatar jiddiskutiha waqt laqgha taghhom u ma qablux kif spjegat.

Il-kunsilliera prezenti ddiskuttew u qablu li ghanda tigi diskussa - il quddiem biex jigi deciz x'jista' isir.

75.3.10 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda applikazzjoni ghall-Car Show li se ssir fis 17 ta' Gunju fejn il-Monument.
Il-Kunsilliera prezenti approvaw.

75.3.11 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai gharrfet lill-kunsilliera prezenti li se ssir applikazjoni ghal Car Show ohra li se ssir f'Mejju fejn il-Monument.

Il-Kunsilliera prezenti approvaw.

75.3.12 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda sejha ghal partecipazjoni ghall-Kampanja Edukattiva LESA
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u qablu li jekk hemm xi mod li l-kunsill jista' jiehu sehem dan isir

75.3.13 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Kaz Nru.331 Data Collection-Sinjali u tabelli tat-Traffiku.
Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li qed isir inventarju apposta biex jigi stabillit x' hemm bzonn isir u anke ghall0-uzu iehor-il quddiem.

75.3.14 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Rendikont tal-laqghat ghall-Housing Scheme 2-2018
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti u ta spjegazzjoni dwar skema mill-Awtorita' tad-Djar fejn din qed toffri fondi biex jigi rrangat il-komun ta' sitt Blokkok go Triq il-Kuncizzjoni fejn gew imsejha u saru l-laqghat mar-residenti ta' dawn il-Blokkok. Dawk li attendew inghataw id-dettalji tal-iskema ta' x'hemm bzonn isir biex dawn jiffurmaw assocjazzjoni skond ir-regolamenti tal-Kondominju. Kien hemm min wera interess u min wassal certu diffikultajiet minhabba atitudni ta' certu residenti fil-Blokka koncernata jew nuqas ta' ftehim. Id-dipartiment gi mgharraf bli sehh s'issa.

75.3.15 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Nota tas-Sur Charles Selvaggi - Last Council meetings fejn qed jitlob biex jittiehdu numru ta' azzjonijiet biex il-Kunsill Lokali ma jibqax jidher kif deskritt fl-opinjoni murija minn dan ir-resident.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li mhux korrett li l-Kunsill ma jiehux azzjoni izda minn dawn il-kummenti trid tara sa fejn jista' jasal il-Kunsill. Hemm numru ta' ilmenti li tittiehed azzjoni mall-ewwell izda hemm anke ilmenti li l-kunsill ma jistax jiehu azzjoni u jrid jghaddi l-ilment lill-entitajiet ohra bhal ma hemm msemmi dwar is-sigar li dan ga ghaddieh lit-Trasport Malta biex jivverifikaw. Dwar l-Iskart, kif jafu il-kunsilliera ga qed jittiehdu passi fejn il-kunsill se juza servizzi ta' Infurzar fuq l-abbuzi ta' hrug u rimi ta' skart wara l-hinijiet, permessi jew f'zoni li ma jistax jintefa' skart, izda ma jistax ikun hemm xi hadd ghassa 24/7 ma' kull triq.

Is-Sur Maurice Agius tkellem fuq il-bzonn li jsir aktar pressjoni biex tintrefa r-responsabbilita' mill-Amministraturi tal-blokkok ta' appartamenti.

75.3.16 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda korrespondenza u dettalji ta' laqgha li saret bejn il-Kunsill u d-dipartiment tat-tindif fuq Enforcement ghal abbuzi minn rimi tal-iskart u gharrfet lill-kunsilliera prezenti li dawn kellhom jibdew fil-gurnata tal-llum darbtejn fil-gimgha ghal erba' sieghat kull darba.

75.3.17 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda kommunikazjoni mir-Regjun Centru dwar RC/T01/2018-Servizz ta' Espert Estern ghat- tahrig, Sapport, Identifikazzjoni ta' Opportunitajiet fil-fondi tal-UE ghal progetti tal-Kunsilli Lokali fejn spjegat li se ssir laqgha ma' kull kunsill biex jaraw fejn dawn jistghu jghinu biex il-kunsill jibbenifika minn dawn il-fondi.

75.3.18 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai Talbet lis-Segretarju Ezekuttiv jispjega dwar tibdil fl-impjegati assenjat mal-Kunsill

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar trasferiment ta' Gorg Farrugia li m'ghadux assenjat mal-Kunsill u li L-IPSL baghtu impjegat gdid Ray Vella biex jibda xoghol mal-Kunsill.

75.3.19 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda kommunikazjoni Cirkulari AKL 2018/040 Linji Gwida ghall-agudikazzjoni ta' tenders u POC 136/2018 Instructions to Local Councils-Procurement -Evaluation Committee .

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-kunsilliera prezenti li ta' min jinnota li z-zewg cirkularijiet qed jghidu li jista' ikun hemm kunsillier bhala chairperson u l-AKL sa tnejn ohra bhal membri fil-bord tal-agudikazjoni, izda dawn kollha ikunu bla vot. Ghalhekk minkejja li jemmen li l-AKL qed thares l-interess tal-kunsilliera, bhala Segretarju Ezekuttiv ma jistax jiehu direttiva mill-AKL izda mid-dipartiment tal-Gvern lokali.

75.3.20 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Talba ghal permess tat-Tombla minn Msida Bocci Club
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew dan il-permess u qablu unnanimament li l-permess jinghata skond kif mitlub mil- LS441, fejn dawn iridu japplikaw kull gimgha u mhux jinghataw permess wiehed ghal sajf shih. Hemm bzonn li jigu mfassla numru ta' kundizzjonijiet biex ma jergax isir bhal ma gara s-sena ta' qabel fejn thalla hmieg u boroz tal-Iskart barra u mwejjed armati ghal granet shah filwaqt li nqalghu mill-post il-bankijiet u bins biex joqghodu aktar imwejjed bla kunsens tal-kunsill.
Is-Segretarju Ezekuttiv ha nota u se jfassal numru ta' kundizzjonijiet li jridu jigu osservati biex ikun jista' jinhargu l-permessi inkluz il-garanzija neccessarja biex taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet.

75.3.21 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Talba ghal permess ta' Attivita' BBQ u muzika ghal 15 ta' Gunju minn Msida Bocci Club

Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew dan il-permess u qablu unnanimament li l-permess jinghata, izda hemm bzonn dawn ikunu skond LS 441 fejn japplika permess ghall-attivita' u permess ghat-tables and chairs, ma' dan japplikaw numru ta' kundizzjonijiet u no objection mill-pulizija biex ma jergax ssir bhal ma gara is-sena ta' qabel
Is-Segretarju Ezekuttiv ha nota u se jfassal numru ta' kundizzjonijiet li jridu jigu Mizjuda:< ta' 500 euro>
osservati biex ikun jista' jinhargu l-permessi inkluz il-garanzija < ta' 500 euro> neccessarja biex taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet.

75.3.22 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai tad-dettalji dwar laqgha li saret il-Gimgha 20 ta' April mas-Segretarju Parlamentari ghall-Gvern Lokali fejn giet diskussa Agenda 1> il-Problema tal-Iskart , 2> Kostruzzjoni ,3> Entitajiet vs Gvern Lokali u rizorsi li ghandu il-Kunsill. Ghal din il-laqgha attendew

Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai

Is-Sur Maurice Agius

Is-Sur Lino Bartolo

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella

Is-Segretarju Parlamentari ghall-Gvern Lokali Hon. Silvio Parnis

Id-Direttur ghad-dipartiment tal-Gvern Lokali Is-Sur Adrian Mifsud assistit mis-Sur Christopher Galea Head of Monitoring and Support
Is-Mario Fava ghall-AKL

**75.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

75.4.01 Is-Sur Maurice Agius staqsa u s-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar it-talba ghad-danni ta' 120 ewro ghall-hsara f'tyre fi Triq Nazju Falzon. Is-Sur Antonio Camilleri gie mgharraf bid-decizjoni tal-Kunsill fil-laqgha L7_73 u acceta l-hlas ghall-kumpens ta' 50%.

75.4.02 Is Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-bazi tal-Belisha lights li kienu fuq il-pedestrian crossing go Rue D'Argens qabel ma' dawn tmexxew aktar 'il fuq issa tnehhew.

75.4.03 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar il-kulvert ta' Triq Xatt l-Imsida u dak ta' Triq il-Bacir.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai wiegbet li regghet kitbet lill-Perit Vassallo minn Trasport Malta fejn dan wiegeb li x-xoghol se jsir.

75.4.04 Is-Sur Lino Bartolo staqsa u s-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar Sparatura fuq il-hamiem dawn gew temporanjament sospizi

75.4.05 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar CCTV coverage tal-bandli.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-apparat ghadu ghand it-technician u ghadu qed jiccekja jekk l-apparat jistax jissewwa. Jekk le hemm CCTV solar u din titwahhal flokha

75.4.06 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk il-LESA tatx risposta dwar speed camera fi Triq il-Kuncizzjoni biex tintbaghat reminder.

75.4.07 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk il-WSC baghtux risposta biex inehhu l-katusi mitluqa fi Triq tas-Sisla.
Is Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li sal-gurnata ma waslitx risposta.

75.4.08 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar marki tat-triq fil-kantunieri go Misrah il- Barrieri/Censu Farrugia li dawn saru skond ir-regolamenti.

75.4.09 Is-Sur Maurice Agius staqsa meta se jsiru z-zebra crossings ta' Triq Rue D'Argens lill Transport Malta minhabba li dawn huma traffikuzi u il-bzonn biex tinghalaq parti min karrigiata.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li ghadu qed jara kif jistghu jsiru minhabba l-problema ta' traffiku li jghaddi u ma jeskludix li jsiru bil-lejl u li jaghmlu l-kuntrattur.

75.4.10 Is-Sur Lino Bartolo rega staqsa dwar bozza fi Triq Rue D'Argens ma' Triq il-Kuncizzjoni, ghax ilha maqtugha.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li rega' baghat lill-kuntrattur, izda jidher li din tal-Enemalta u ga giet rrappurtata hafna drabi fis-sistema kif suppost permezz tal-E gov.

75.4.11 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-Clean up day li saret fit-22 ta'April fejn saret tindifa min numru ta'voluntiera Fi Triq il Wied u fejn il-Gibjun.u li qed jigi installat Fence biex din iz-zona ma tibqax isservi ta' Dumping site.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li kienet tistenna li certu kunsilliera jattendu ghax mhux sewwa li nitkellmu biex isiru l-affarijiet u imbaghad ma tarahomx.
Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar rapporti ta' hafna nemus fejn il-gibjun izda meta mar jiccekkja ma kien hemm xejn.

75.4.11 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk hadniex xi hjiel mill-pulizija dwar il- gatherings go Triq Gemma Portelli.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li baghat xi ritratti lill-Pulizija u l-LESA minhabba l-vetturi li jkunu pparkjati hazin meta dawn jiltaqghu, izda l-ahjar naraw meta se ssir il-laqgha mal-AC u inqajmu is-suggett hemm ghax ma hadniex risposta jekk dawn jistghux jaghmlu dan.

75.4.12 Is-Sur Maurice Agius rega' staqsa jekk ingabrux l-istimi biex tinghalaq id-dawra tal-Bandli tas-Swatar minhabba l-hmieg tal-klieb.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella rega' wiegeb li sal-mument ghadu ma gabarx stimi ghax qed jistenna xi qisien.

75.4.13 Is-Sur Lino Bartolo staqsa jekk kienx hemm min tefa' l-offerta ghas-sejha KLMsd TDR 1-2018 for the professional services of an Architect for the L-Imsida Local Council
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li kien jidher li hemm erbgha interessati izda mal-gheluq kien hemm biss offerta wahda li xorta trid tghaddi mill-process tal-evalwazzjoni.

75.4.14 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar sejha KLMsd TDR 2-2018 for the installation of a perimiter fence and gate at the L-Imsida playing field, kien hemm hamsa interessati izda hadd ma ghamel offerta u tender gie kkancellat.

75.4.15 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-progett biex ir-reception area tigi maghluqa ghas-sigurta' tal-impjegati intalbet stima minghand kumpanija ohra li ghandhom jigu jiehdu il-qisien u jaghmlu disin..

75.4.16 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar Fire and safety li saret ordni u waslu xi affarijiet biex inkunu konformi mar-regolamenti. Se jigu pprezentati stimi ohra dwar sistema ta' detectors u alarm.

75.4.17 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar l-erba' progetti mill-fondi UIF u li beda x-xoghol fuq il-progett ta' traffic management hdejn il-Junior College u qed isir xoghol iehor ta' manutenzjoni u tisbieh mill-haddiema assenjati mal-Kunsill.

75.4.18 Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk intbaghtux id-dokumenti dwar assenza ta' kunsilliera mill-laqghat tal-Kunsill lid-dipartiment.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti li d-dokumenti intbaghatu lid-dipartiment li ghandu jghaddihom lill-ministru.

75.4.19 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk gietx risposta minghand Trasport Malta dwar il-parkegg ta' Rue D'Argens jew konkluzjoni ghall-istudju li ghamlu biex waslu ghal decizjoni. Hawn talab biex jekk tasal xi risposta din tintbghat lill-kunsilliera mal-ewwell u ma nistennewx laqgha ohra tal-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li sal-gurnata ma saret l-ebda komunikazzjoni ufficjali mill-Bord.
Is-Sur Maurice Agius qal li wassal petizzjoni ffirmata mir-residenti u familjari taghhom u pprezenta kopja lill-Ministru, lill-kummissarju tal-pulizija, c-Chairman tal-Bord tat-traffiku u qed jghaddi kopja lill-Kunsill.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li tajjeb u taqbel li din il-petizzjoni saret izda kien ikun ahjar li saret qabel

75.4.20 Is-Sur Lino Bartolo qal li kellem lill-ministeru dwar is-sigar u kif thawwlu u dwar il-progett ta' afforestazzjoni. Filwaqt li ha risposta fuq il-persuna li qalet li din saret go raba' tieghu u dan jidher li l-art mhix tieghu izda li jista' jahdem fiha biss.

75.4.21 Is-Sur Lino Bartolo rega' tkellem dwar is-sigra tal-Ewrikarja li jidher li messitha Lupa, sid il-gnejna ghandu responsabbilita' li jiehu hsieb jiehu parir ma' tal-ghammieri u jimxi minn hemm jekk ikun hemm bzonn titnehha ghax responsabbilta' tas-sid stess.

75.4.22 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar it-talba mis-Sur Christian Bonello ghad-danni ta' 115 euro ghall-hsara fit-tyre fi Triq San Alwigi dan gie mgharraf li hemm dubju kemm ir-ritratti prezentati huma ta' Triq San Alwigi u gie mitlub jigi fuq il-post mar- rapprezentant tal-Kunsill biex jaghti indikazzjoni aktar cara ta' liema parti mit-triq San Alwigi din qeghda. Dan gie l-Erbgha 2 ta' Mejju izda it-Triq m'hiex San-Lwigi izda tal-Qroqq. Hawn kompla jispjega li mir-ritratti m'hux konvint li din il hsara giet kawzata minhabba it-triq.

Il-kunsilliera prezenti ddiskutew il-kaz u huma tal-fehma li hemm dubju kemm din il-hsara giet kkawzata kif qed jghid is-Sur Bonello fejn ir-rapport juri triq b'ohra u kif indikat mir-ritratti mehudha wara spezzjoni tas-sit. Il-hofor msemmija huma superficjali u ma setghux jikkawzaw hsara bhal dik indikata fejn jidher car li dawn huma fejn Stop sign u vettura tkun ghaddeja bil-mod. Ghalhekk il-kunsilliera prezenti ddecidew li t-talba ghall-hlas m'hiex gustifikata.

75.4.23 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar it-talba mis-Sur Dwarniczak biex issir sessjoni ta’ 3X3 Basket ball championship f'Misrah San Guzepp. Dan gie mgharraf bid-decizjoni tal-Kunsill u kkonfermata l-Gurnata.

75.4.24 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar it- talba minn Tatra Ltd ghar-reklamar go Triq Mikiel Anton Vassalli. Beda l-process ghall-applikazjoni neccessarja biex jingabu l-permessi minn naha tal-Kunsill intbaghatet in-No objection suggett ghall-kundizzjonijiet ta’ Trasport Malta u l-Planning Authority.

75.4.25 Is-Sur Maurice Agius staqsa u s-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-multa minn Trasport Malta fuq permess go Triq il-Kuncizzjoni u li din giet kkancellata.

75.4.26 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar tiswijiet ta' Kulverts go triq Xatt l-Imsida kantuniera ma’ Triq Qrejten il-Pieta fejn beda xi xoghol izda mhux maghruf f’hiex waslu..

75.4.27 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-pjanta u proposta ta’ xoghol ghat-tnehhija ta' struttura perikuluza go Misrah San Guzepp intbaghatet in-no objection u suggeriment biex jizdied tip ta’ lqugh bhal ma ga hemm fuq in-naha tal-gostra.

75.4.28 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar it-talba sabiex jibdew ghal xi granet ikun hawn xi voluntiera iniedu il-progett Screening biex inqajmu kuxjenza dwar in-nuqqas ta' smigh, saru l-arrangamenti neccessarji u din se ssir bejn l-4 u 16 ta' Gunju

Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai staqsiet min se jiehu hsieb is-siggijiet u PA system.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li dawn se jiehdu hsieb l-organizaturi izda l-kunsill se jipprovdi il-podjum u ga ta struzzjonijiet biex dan jigi ccekkjat u jsir li hemm bzonn biex ikun prezentabbli.

75.4.29 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar biex jingħata l-Performance Appraisal Bonus għas-Sena 2017 lis-Segretarju Eźekuttiv K.A.S. Is-Sur Michael Mifsud. Id-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali gie mgharraf bid-decizjoni tal-Kunsill fejn gie mitlub japprova l-Bonus minn naha tad-dipartiment.

75.4.30 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar l-printer tal-ufficju amministrattiv li kien wasal biex jinbidel ghax mhux qed jahdem tajjeb. Sar il-ftehim ta’ Photo copier / printer rental services.

75.4.31 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar talba biex isiru numru ta' attivitajiet zghar bejn Lulju u Settembru mirati biex joffru atmosfera fix-xatt ghas-sajf minn wara l-Festa saret laqgha ma’ kumpanija li tiehu hsieb attivitajiet bhal dawn fejn gie propost programm ghan-numru ta' attivitajiet kif mixtieq.

Is-Sur Lino Bartolo ta spjega dwar il-programm propost u l-ispiza li ser tigi madwar 4000 euro
Is-Sur Maurice Agius ppropona biex jigu avvicinati talenti lokali u semma persuna permezz ta’ One man Band tista’ taghmel spettaklu

75.4.32 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar proposta u pjanta ghal xogholijiet biex tinbidel il-Latrina prezenti go pjazza 5 ta' Ottubru. Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Perit biex japplika ghall-permessi mehtiega u biex isiru l-preparazzjoni ta’ stimi biex jigi ppreparat Tender ghax-xogholijiet.

75.4.33 Is-Sur Maurice Agius staqsa u s-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar it- Tender KLMsd 2/2017 Collection of mixed household waste from the locality of Msida and parts of Swatar in an enviormentaly friendly method. Il-Kuntrattur li kellu l-orhos offerta Waste Collection Ltd gie mgharraf li se jinghata l-kuntratt u dan ma accetax. Il-kuntratt gie offrut lill-kuntrattur li gie fit-tieni post u dan accetta. Se jsiru il-preparamenti mehtiega biex jigi ffirmat il-kuntratt u tinghata il-Commencement order.

75.4.34 Is-Sur Maurice Agius gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar laqgha li saret flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv mal-kuntrattur tal-knis fejn gew diskussi certu nuqassijiet ta’ dettal u konsistenza. Il-kuntrattur intalab jirranga dawn u biex jibda jikkordina mar-rapprezentant tal-kunsill halli jsiru spezzjonijiet regolari biex isir xoghol ahjar.

75.4.35 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar L- oggezzjoni mahruga minn Heritage Malta fejn l-iskola primarja tal-Imsida li matul din is-sena 2018 giet skedata u ma tistax titwaqqa biex minflokha ssir binja aktar moderna u b’aktar facilitajiet li jistghu jibbenifikaw il-komunita’ tal-Imsida intbaghat l-appell flimkien ma’ hlas ta’ 200 euro lit-Tribunal ta' revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar terga tikkunsidra u tirrevoka din id-decizjoni.

75.4.36 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-kuntrattur tal-knis biex ix-xogħol ikun jista' ssir aħjar minħabba li dan mhux tal-livell mixtieq. Is-Segretarju Eżekuttiv hareg mal-persuna nkarigata mill-kunsill biex ssir spezzjoni fuq ix-xogħol tal kuntrattur u spjega hemm bżonn ssir.

75.4.37 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar ir-rapport Finanzjarju awditjat ghas-sena 2017 intbaghatu 8 kopji ffirmati lill-awdituri biex dawn jghaddu ghand id-dipartimenti kkoncernati.

**75.5 Items oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

75.5.01 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar zewg Loading / Unloading bays li qed jigu abbuzati fi Triq il-Knisja ma' Triq Antonio Bosio u Triq il-Knisja ma' Triq Mons Dandria u staqsa jekk dawn humiex bil-permess ta' Trasport Malta u talab biex dawn jitnehhew ghax kapparati minn xi bejjiegha tat-Triq.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wiegbet li dawn m'hemmx permess ta' TM ghalihom u jista' jkun li kienu saru zmien twil ilu mill-Kunsill stess
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u qablu unanimament li dawn m'hemmx bzonnhom u li ghandhom jinbidlu f'parking bays.

75.5.02 Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni tal-kunsilliera prezenti li saru fid-09:10 pm u li l-laqgha hadet aktar minn tlett sieghat filwaqt li l-Agenda m'hiex kompluta.

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pproponiet biex l-agenda tigi sospiza u tigi diskussa l-iskeda tal-pagamenti u l-kumplament jigi aggornata ghal-laqgha li jmiss.

Is-Sur Charles Selvaggi sekonda u il-kunsilliera prezenti approvaw unanimament

Items oħra ta' Xogħol  Aggornata ghall-4 ta' Gunju
Fire Alarm system
Festa San Guzepp
Talbiet ghall xoghol / applikazjonijiet

**75.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport**

Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport  Aggornata ghall-4 ta' Gunju
Quarter Financial report January-March 2018

**75.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

75.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K7-75 <dc 75 /7/01> ta' ħlasijiet bejn it-28 ta' Marzu u 8 ta' Mejju għall-approvazzjoni tal-membri.

L-iskeda giet proposta mis-Sur Lino Bartolo u ssekondata mis-Sur Matthew Agius.

Skeda ġiet approvata unanimament.

**75.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

l-Agenda giet sospiza  fit-9:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata ghal-laqgħa li se ssir it-Tnejn 4 ta' Gunju 2018 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti konfermati, illum 04 ta Gunju 2018

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |